MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 243/2011

**L-Avukat Dottor Michael Grech bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Unilever plc ta' Port Sunlight, Wirral, Merseyside CH62 4ZD, Renju Unit**

**vs**

**Dr. Joseph Ellis u P.L. Joeline Pace Ciscaldi gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Ahmed Ahmed Ghaber Al Barawi ta' Alexandria Egittu b'digriet tal-11 ta April 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-10 ta' Marzu 2011 li jghid hekk

1. Illi s-socjeta attrici Unilever plc ta' Port Sunlight, Wirral, Merseyside CH62 4ZD, Renju Unit, hija proprjetarja ta'

diversi markji, fosthom il-markji **“CLEAR”**, **“SIGNAL”** u **“REXONA”** liema markji huma wzati mis-socjeta’ attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal shampoos, deodorants, toothpastes u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti “A”, “B”, u “C”;

2. Illi s-socjeta’ attrici hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta industrijali ta’ l-istess markji “**CLEAR”**, **“SIGNAL”** u **“REXONA”** fil-komplessita taghhom irregistrat fir-Registru tal-Markji f’Malta taht *Trademark No. 6626* (Dok. “A”), u *Trademark No. 15565* (Dok. “B”), *Trademark No. 29936* (Dok. “C”) u dan kollu ai termini tal-artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema markji huma wkoll irregistrati bhala *Trademark* Komunitarja mal-“Office for Harmonization in the Internal Market” ta’ l-Unjoni Ewropeja (ibbazat f’Alicante, Spanja) taht in-numri 001749381, 001408921;

3. Illi jirrizulta illi fit-3 ta’ Frar 2011 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur “M/V APL CYPRINE”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ prodotti li jgibu l-marjki **“CLEAR”**, **“SIGNAL”** u **“REXONA”** fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti mis-segwenti; (i) tlett elef hames mija u erbgha (3,504) flixkun shampoo, (ii) sebat elef sitt mija u tmenin (7,680) flixkun deodorant; u (iii) sitta u sittin elf (66,000) toothpaste, b’Container Numru FCIU 8241637 u li m’humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414;

4. Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru 077027260 (Dok. “D”) jirrizulta li l-konsenjatarju tal-prodotti in kwistjoni huwa ndikat bhala Ahmed Ahmed Ghaber Al Barawi ta’ Alexandria, Egittu, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma Shenzen Thaishun Import Export Co. Ltd.;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta

intellettwali huwa projbit skond l-artikolu 4 tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Illi dawn il-prodotti in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attici skond l-artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-Kap. 414, li favur taghha huma rregistrati l-markji **“CLEAR”**, **“SIGNAL”** u **“REXONA”** u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta’ attrici skond l-artikolu 2(1)(b) tal-istess Kap. 414, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta’ attrici skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta’ proprjeta intellettwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif jirrizulta minn analizi li ghamlu rapprezentanti tas-socjeta attrici;

7. Illi din il-konsenja ta’ prodotti bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 wara l-applikazzjonijiet bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (kopja ta’ l-applikazzjoni immarkata bhala (Dok “E”).

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-prodotti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ prodotti li tikkonsisti fis-segwenti, (i) tlett elef hames mija u erbgha (3,504) flixkun shampoo, (ii) sebat elef sitt mija u tmenin (7,680) flixkun deodorant; u (iii) sitta u sittin elf (66,000)

toothpaste b'Container Numru FCIU 8241637, da parti tas-socjeta' konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta' attrici in kwantu li m'humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademarks* registrat f'isem is-socjeta' attrici bin-numri 6626, 15565 u 29936 fir-Registru tal-Markji ta' Malta;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' prodotti jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-artikolu 21(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrata f'isem is-socjeta' attrici bin-Numri 6626, 15565 u 29936 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademark* Komunitarji Numru 001749381, 001408921 registrati f'isem is-socjeta attrici [dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja)];

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu il-prodotti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta attrici;

6. Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-prodotti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata ingiunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. A sa Dok. F;

Rat id-digriet tal-11 ta' April 2011 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-1 ta' Gunju 2011 fejn ecceppew li:-

1. Illi huma, fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati sabiex Ahmed Ahmed Ghaber Al Barawi ta' Alexandria, Egittu m'humiex presentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'l quddiem;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur nomine ghandu jipprova illi l-azzjoni odjerna saret fit-terminu preskritt mill-artikolu 7(4) tal-Kap. 414;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta' Gunju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher biss Dr. Jonathan de Maria ghas-socjeta' attrici li ddikjara li ma ghandhux aktar provi wara li nstema x-xhud George Agius rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana referibbilment ghat-tieni eccezzjoni tal-kuraturi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2011;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza, inkluz ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ghall-entita' estera.

**Ikkunsidrat**

**Eccezzjoni preliminari**

Il-kuraturi fl-eccezzjoni preliminari taghhom qed jissottomettu li-socjeta' attrici trid taghmel il-prova li l-azzjoni saret fit-terminu preskritt bil-ligi. Dan l-artikolu cioe l-artikolu 7(4) tal-Kap. 414 ighid hekk:

Jekk, fi zmien ghaxart ijiem tax-xoghol wara li l-applikant ikun gie notifikat b'avviz tas-sospensjoni tar-rilaxx ta' oggetti jew tat-tizmim taghhom, wara decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana mag]mula skond l-artikolu 5(9), il-Kontrollur tad-Dwana ma jkunx inghata prova li jkunu nbdew provedimenti fil-Qorti Civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz jew inkella jekk il-Kontrollur tad-Dwana ma jkunx adotta provvedimenti jew mizuri li jtawlu s-sospensjoni tar-rilaxx ta' l-oggetti, dawk l-oggetti ghandhom jigu rilaxxati, sakemm tkun tharset kull kondizzjoni ohra ghall-importazzjoni jew l-esportazzjoni. Dak itterminu jista' jittawal b'ghaxart ijiem tax-xoghol ohra mill-Kontrollur tad-Dwana:

Jirrizulta mix-xiehda ta' George Agius in rapprezentanza tal-Kontrollur tad-Dwana illi n-notifika in kwistjoni tas-sospensjoni tar-rilaxx tal-prodotti inghatat fit-8 ta' Marzu 2011. Il-kawza infethet fl-10 ta' Marzu 2011 u kwindi entro t-terminu prekritt mill-ligi u ghalhekk din l-eccezzjoni ma jista' jkollha ebda effett fuq il-mertu tal-proceduri u qed tigi michuda.

**Mertu**

Illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja tal-marki "CLEAR", "SIGNAL" u "REXONA" u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mirregistrazzjoni ta' trademarks skond Dok. A sa C annessi ma' l-istess cioe dawk registrati Malta bin-numri 6626,15565, 29936, kif ukoll dawk Komunitarji bin-numri 001749381 u 001408921.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta’ George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dawna (Dok. MG2 a fol. 42 tal-process) li taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-container numru FCIU 8241637 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti fi tlett elef hames mija u erbgha (3,504) flixkun shampoo, sebat elef u sitt mija u tmenin (7,680) flixkun deodorant, u sitta u sittin elf (66,000) toothpaste bil-marki tas-socjeta’ attrici u waslu fil-port hieles ta’ Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta’ procedura ta’ trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f’cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta` intellettwali.

Illi l-istess kontejner kien wasal Malta fuq il-vapur MV “APL CYPRINE” fit-3 ta’ Frar 2011, u nfetah, u l-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lis-socjeta’/entita’ intimata (Dok. MG1 u MG2 u MG4 a fol. 22, 23 tal-process) kif jidher mill-affidavit ta’ Isam Badwailan u Sancoyo Antarikso tas-socjeta’ attrici proprjetarja tal-marki in kwistjoni.

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u filfatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez ta’ l-istess entita’ konvenuta, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 5 ta’ April 2011 Prospett Dok. MG2 a fol. 42 tal-processs kif ukoll f’dokument ippresentat mis-socjeta’ attrici Prospett Dok. MG1 u MG4 b’kollox €4,769.69.

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi tlett elef hames mija u erbgha (3,504) flixkun shampoo, sebat elef u sitt mija u tmenin (7,680) flixkun deodorant, u sitta u sittin elf (66,000) toothpaste bil-marki “CLEAR”, “SIGNAL” u “REXONA”, u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru FCIU8241637 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici *stante* li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta’ din il-kawza, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u a spejjez taghha;

3. Tordna lis-socjeta’ konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni talba attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-oggetti ghal-lok tal-hazna, tal-hazna stess u tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, kif elenkati kollha fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Dok. MG2 fl-atti tal-kawza u fil-prospett markati Dok. MG1, b’kollox ammontanti ghal erbat elef seba’ mija u disa’ u sittin Euro u disa’ u sittin centezmu (€4,769.69);

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba peress li ma hemmx bzonnha;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta`/entita` konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------